MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 86

**30 ta' Ottubru 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Antoine Attard – Kunsillier
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Mark George Abdilla - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, u s-Sur Owen Patrick Attard.

Għal laqgħa kien hawn preżenti rappreżentanti mill-kumpaniji *Refab* u *Malta textile recycling*

**86.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

86.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sebgħa ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

86.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva ittri ta' apoloġija mill-Kunsillier is-Sur Antoine Attard u mill-Kunsillier is-Sur John Borg. L-apoloġiji ġew aċċettati b'mod unanimu.

**86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

86.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 85 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

86.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti tal-laqgħa numru 85 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**86.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

86.3.1 Ma kienx hemm kommunikazzjoni mis-Sindku.

**86.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

86.4.1 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal li hemm problema bl-i*slabs* fi triq il-Kbira. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li taf biha imma x-xogħol se jibda min-naħa tal-Bagri u jkompli 'l isfel.

86.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit qalet li hemm bżonn xi *bollard* quddiem il-kappella ta' Sant'Antnin/Santa Katerina. Kien hemm xi kunsilliera li qalu li diġa' hemm. Is-segretarju se jiċċekkja.

86.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal li fit-triq ta' quddiem il-Knisja ta' Sant'Antnin (Triq Imsida u Pont Massimiljano Kolbe) hemm bżonn li jsir *refreshing* tal-linji waqt li l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg fuq l-istess żona qalet li hemm bżonn tabella biex il-vetturi li jinżlu minn Sqaq Ibgħal ma jdurux lejn il-każin ta' Sant'Antnin imma lejn Triq l-Imsida.

**86.5 Rapporti Bord Evalwazzjoni**

86.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bord iltaqa' dwar il-proposti ta' ġbir ta' ħwejjeġ bieb bieb, bejn l-uniċi żewġ kumpaniji illi għandhom permess jagħmlu dan ix-xogħol. Pero' l-bord ma għandux konklużjoni għax l-offerti ma kienux *like with like*. Għalhekk se nagħtu ġimgħatejn oħra ċans biex iż-żewġ kumpaniji jagħtu l-aħjar offerti tagħhom, bil-premessa li l-ġbir bieb bieb isir b'xejn u huma jgħidulna biss kemm se jagħtu flus lill-kunsill, kull kaxxa blu li jagħmlu għall-ġbir ta' ħwejjeġ - kull xahar. B'hekk il-bord ikun jista' jasal għal konklużjoni ċara u ġusta.

86.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport tal-bord ta' evalwazzjoni dwar id-dawl tal-Milied. Kien hemm persuna waħda intressata, is-Sur Clinton Debono, li fil-bidu tefa' offerta ta' 12,900 euro. Madankollu l-budget inqabeż, issejjaħ is-Sur Debono u wasalna fi ftehim miegħu illi jitnaqqas xi

xogħol (peress li l-BOQ kienet itemised) u jingħata l-kuntratt għall-prezz finali ta' 7200euro VAT eskluża. Kien hemm qbil unanimu ma' dan ir-rapport.

**86.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti 65, u *Petty Cash***

86.6.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

86.6.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 65 kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech sekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja.

**86.7 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

86.7.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.20pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 15 ta' Novembru fis-6pm.

Konfermati, illum 15 ta' Novembru 2018.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |